DIRETTORAT GHAL
KWALITA` U STANDARDS FL-EDUKAZZJONI
FLORIANA VLT 2000
MALTA

DIRECTORATE FOR
QUALITY AND STANDARDS IN EDUCATION
FLORIANA VLT 2000
MALTA

# Id-Dipartiment tal-Kurrikulu u t-Tagħlim Elettroniku

**Tel:** **2598 2449 / 2598 2478 / 2598 2480** **Indirizz Elettroniku:** **dcmel@gov.mt**

## ĊIRKULARI

**Informazzjoni:** X **Data:** 7 ta'Ottubru 2013

**Azzjoni:** X **Ref:** CMeLD 277/2013

**Lill- :** Kapijiet tal-Iskejjel Primarji u Sekondarji tal-Istat, Indipendenti u tal-Knisja u Sezzjonijiet

**Mingħand:** David Agius Muscat, George Mifsud, David Muscat – Uffiċjali Edukattivi tal-Malti

**Suġġett:** Jum Dun Karm

---

## 1. Jum Dun Karm

Il-Ġimgħa 18 ta' Ottubru 2013, nhar twelid Dun Karm, id-Dipartiment tal-Kurrikulu u t-Tagħlim Elettroniku u l-Kumitat għall-Festi Nazzjonali se jorganizzaw korteo u ċerimonja kommemorattiva. L-attività tibda fl-10.15 ta' filgħodu. F'dal-ħin jinġabru l-istudenti u l-għalliema ta' skejjel primarji u sekondarji ħdejn l-iskola primarja tal-Furjana. Minn hawn jibda l-korteo li jwassal għal ħdejn il-monument ta' Dun Karm. Hawnhekk jinqraw xi poeżiji ta' Dun Karm u jitqiegħdu bukketti tal-fjuri minn kull skola li tiġi. Mary Rose Mallia se tkanta żewġ poeżiji ta' Dun Karm, immużikati minn Dominic Galea. L-attività għandha tieħu madwar siegħa. Il-preżentazzjoni se tkun f'idejn is-Sa Ina Cutajar, Kap tad-Dipartiment tal-Malti.

Il-kapijiet tal-iskejjel li jogħġobhom jibagħtu rappreżentazzjoni tal-iskejjel tagħhom huma mitlubin jiktbu lil David Agius-Muscat, david.agius.muscat@ilearn.edu.mt u jingħatalhom it-tagħrif kollu tal-programm.

## 2. Il-bijografija ta' Dun Karm biex tinqara fit-18 ta' Ottubru 2013 u kartellun

F'Jum Dun Karm l-iskola tiegħek għandha tfakkar lill-Poeta Nazzjonali waqt il-laqgħa ta' filgħodu billi tinqara l-bijografija tiegħu (ara *Hemża A* maċ-ċirkolari) u xi poeżiji (jistgħu jintgħażlu minn *Hemża B*). Għandu wkoll jiġi pprintjat il-kartellun ta' Jum Dun Karm (*Hemża Ċ*) u jitwaħħal fil-bordijiet tal-avviżi tal-iskola.

## 3. L-Innu ta' Filgħodu u riżorsi oħra fis-sit tal-Malti

Fis-sit tal-Malti http://malti.skola.edu.mt hemm taqsima sħiħa fuq Dun Karm. Fiha hemm preżentazzjoni bil-*powerpoint* b'ritratti mill-ħajja ta' Dun Karm. Dan jista' jintuża fil-klassijiet.

Din is-sena ttella' l-"Innu ta' Filgħodu" (*Reġa' sebaħ ja Mulejja* ...) ta' Dun Karm, b'mużika tas-Surmast Ġużeppi Caruana. Hemm verżjoni kantata minn Doreen Galea, u verżjoni bil-mużika biss, biex ikantaw it-tfal. L-għalliema tal-Primarja huma mħeġġa jibdew ikantaw dan l-innu kull filgħodu fil-klassijiet tagħhom.

**4. Attivitajiet f'ġieħ Dun Karm fl-iskola tiegħek għas-sit uffiċjali tal-Malti**

Infakkrek li jekk l-iskola tiegħek torganizza xi attività f'ġieħ Dun Karm nieħdu gost jekk tibagħtilna xi ritratti u kitba qasira biex jittellgħu fis-sit tal-Malti.

Grazzi.

**Dr Frank Fabri**
**Id-Direttur tal-Kurrikulu u t-Tagħlim Elettroniku**